# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 31/20/2 GM**

**Dr Naged Megally**

**v.**

**1. Onor.Ministru tas-Saħħa; u**

**2. Celia Falzon fil-kwalita` tagħha ta' Kap Eżekuttiv u in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei**

1. B'rikors preżentat fit-30 ta' Ġunju, 2022, l-attur appellat talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza li ngħatat fit-23 ta' Ġunju, 2022, u dan a tenur tal-Art. 266 tal-Kap. 12. Dik is-sentenza ġiet appellata u l-appell hu issa differit għat-trattazzjoni għas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2022, fil-11.30 ta' filgħodu. B'digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2022, l-ewwel Qorti qalet li mhux ser tqis iktar ir-rikors għaliex

fil-frattemp kien ġie preżentat appell, u ordnat lir-Reġistratur *“.... iġib dan il-provvediment a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell”*.

2. L-attur isostni li:

> *“4. Illi kwalunkwe dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni, senjatament paragrafu numru erbgħa (4) tal-parti operattiva ċċitata supra, sejjer ċertament jikkaġuna preġudizzju ferm akbar lill-esponenti minn kwalunkwe preġudizzju li jistgħu jsofru l-intimati jew min minnhom, stante illi l-esponenti għadu sallum sospiż minn xogħlu u jirċievi nofs il-paga dovuta lilu;*
>
> *5. Illi wara li l-intimati tul il-perkors tal-kawża ma ressqu l-ebda prova in sostenn tad-difiża tagħhom u anzi għamlu dak illi setgħu sabiex jittentaw jiddilungaw il-proċeduri inutilment, issa qed igħidu li għandhom l-intendiment illi jappellaw id-deċiżjoni surriferita unikament sabiex ikomplu jżommu lill-esponenti sospiż għal żmien itwal. Illi in oltre, l-esponenti sejjer jilħaq l-eta tal-irtirar fi żmien ħames snin u għaldaqstant, jekk jibqa’ sospiż minn xogħlu pendenti l-eżitu tal-appell huwa sejjer ibati preġudizzju irrimedjabbli”*.

3. Bi tweġiba preżentata fit-8 ta’ Lulju, 2022, il-konvenuti wieġbu għat-talba u taw ir-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-attur.

4. Il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata taqra:

> *“Għal dawn il-motivi, l-Qorti:*
>
> *1. Tillibera lill-Ministru tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *2. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini tal- artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif esegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.*
>
> *3. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilita` tar-rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-*

*Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba billi tordna b'effett immedjat ir-restiutio in integrum u ċjoe` t-tneħħija tas-sospensjoni tar-rikorrent mill-post tax-xogħol tiegħu; ir-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol bl-istess kariga u bl-istess xogħol li kellu qabel l-inċidenti in kwistjoni; l-għoti tal-parti tas-salarju u benefiċċji oħra li setgħu tneħħewlu minħabba s-sospensjoni, u t-tneħħija ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji li hemm kontra tiegħu.*

*5. Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida ammont ta' €5,000 (ħames elef euro) kumpens non-pekunjarju għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.*

*6. Tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimata Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei".*

5. L-attur fetaħ il-kawża fil-11 ta' Frar, 2020, u l-ilment tiegħu jirrelata għall-inċident li kien inqala' fl-10 ta' Lulju, 2018, waqt il-ħinijiet tax-xogħol fl-*ultrasound clinic* fl-isptar Mater Dei. L-attur allega li f'dak l-inċident il-Professur Yves Muscat Baron kien insista mal-attur li jitlaq minnufih mill-kamra fejn l-attur kien qiegħed jara l-pazjenti. L-attur kompla li qabdu u fiżikament ġarrewh 'il barra *"bl-aktar mod umiljanti u inuman u poġġewh fuq siġġu barra mill-kamra"*. Aġir li l-attur qal li jiddiskrimina kontra min bħalu jsofri minn diżabilita`. Ippremetta wkoll li dakinhar stess il-kap eżekuttiv tal-isptar (Ivan Falzon) kien heddu li ser jitkeċċa mix-xogħol jekk ma jbaxxix rasu għal dak li jgħidlu. Żied li fuq ordni tal-Ministru tas-Saħħa kienet saret inkjesta dwar l-inċident wara talba tal-attur, u dwar liema proċedura u l-konklużjoni tal-inkjesta l-attur semma diversi lmenti.

llmenta wkoll li kienu qegħdin jippruvaw jitterminawlu l-impjieg minħabba d-diżabilita` tiegħu.

6. Jirriżulta wkoll li b'ittra datata 14 ta' Ottubru, 2021, mibgħuta lill-attur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġie nfurmat li l-kap eżekuttiv ta' Mater Dei kienet għamlet rakkomandazzjoni sabiex l-attur ikun temporanjament sospiż b'nofs salarju minħabba li kien qiegħed jiġi, *"... for alleged inadequacy of care and major deficiencies in patient care which have put the patients lives at risk"*. Fl-ittra jingħad ukoll li l-kap eżekuttiv ta' Mater Dei kienet issospendietu mix-xogħol b'effett mit-12 ta' Ottubru, 2021, sakemm tkun approvata s-sospensjoni ta' fuq nofs salarju. Imbagħad f'Ottubru 2021 twaqqaf bord ta' inkjesta biex jinvestiga lill-attur dwar żewġ pazjenti f'każijiet li ġraw f'dawk l-istess xhur. Sussegwentement, b'ittra datata 18 ta' Novembru, 2021, il-Kap Eżekuttiv tal-isptar infurmat lill-attur li kienet ser tibda proċeduri ta' dixxiplina kontrih minħabba *"two alleged serious incidents of missed diagnosis"*. Fl-ittra saret referenza għad-deċiżjoni ta' dak il-bord tal-inkjesta u li fil-fehma tagħha l-offiża tista' twassal għat-tkeċċija mix-xogħol. Bord ta' inkjesta li kkonkluda li kien hemm nuqqas tal-attur minħabba li naqas milli jgħarraf lill-konsulent li kien qiegħed jikkura liż-żewġ pazjenti b'fatti mediċi li jissemmew fl-istess inkjesta. Inkjesta li ma jirriżultax li kienet meritu ta' din il-kawża.

7. Milli fehmet din il-Qorti l-ordni ta' sospensjoni tal-Kap Eżekuttiv b'effett mit-12 ta' Ottubru, 2021, saret mhux b'referenza għall-każ meritu ta' din il-kawża li seħħ f'Lulju 2018, iżda b'referenza għaż-żewġ każijiet ta' pazjenti li nqalgħu f'Settembru u Ottubru 2021.

8. Wara li fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2022, il-Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet u wara li rat l-atti, m'hijiex sodisfatta li d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza ser tikkaġuna iktar preġudizzju lill-attur milli l-esekuzzjoni tikkaġuna lill-parti kuntrarja meta allura għadu pendenti l-appell tal-konvenuta mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Dan meta tikkunsidra li:-

i. L-appell tal-appellanti jinkludi aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Fis-seduta li jmiss f'Ottubru 2022 ser issir it-trattazzjoni tal-appell u wara l-kawża titħalla għas-sentenza. Il-Qorti ma tarax li ser ikun hemm xi dewmien li ma jkunx raġonevoli sakemm tingħata s-sentenza finali.

ii. Jekk l-appell jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti konfermata, l-attur xorta ser jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien qabel ġie sospiż bil-konsegwenzi li jissemmew fis-sentenza.

iii. Mid-dokumenti mehmuża mat-tweġiba tal-appellanti jirriżulta li hemm deċiżjoni li ttieħdet skont ir-regolamenti *Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku* (L.S. Kost. 03) tal-2017 ta' sospensjoni ta' prekawzjoni kontra l-attur b'referenza għaż-żewġ każijiet ta' pazjenti li kien hemm f'Settembru u Ottubru 2021 u li wasslu sabiex il-konvenuta tibda proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur. Dan fi żmien meta l-kap eżekuttiv tal-isptar kienet inbidlet mill-persuna li kienet tokkupa dik il-kariga f'Lulju 2018, ċioe' meta seħħ l-inċident li wassal għall-ftuħ tal-kawża.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-attur għall-eżekuzzjoni proviżjorja tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż tar-rikors kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da